5. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraphs 2 and 3 above may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected: BA 177

23rd March, 2004

KUMITAT GĦALL-APPROVAZZJONI DWAR SPEĊJALISTI

Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, 2003
(Kap. 464)

Applikazzjonijiet għar-Reġistru ta' l-Ispeċjalisti

Il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti jgħarraf lit-Tobba li l-applikazzjonijiet għar-Reġistru ta' l-Ispeċjalisti huma miftuħin. It-Tobba huma mistiedna jikkonsenjaw l-applikazzjoni tagħhom bl-idejn sat-2 ta' April 2004 bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar u s-2.00 p.m. sa l-4.00 p.m. f'181, Triq Melita, Valletta. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand ir-Reġistratur tal-Kumitat fuq 21255538 jew e-mail vincienne.attard@gov.mt.

L-applikazzjoni u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mill-*website* tad-Dipartiment tas-Saħħa, mill-*website* tal-*Medical Association of Malta* u l-*website* tas-Synapse jew inkella mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

Vincienne Attard
Reġistratur
Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti

It-23 ta' Marzu, 2004

SPECIALIST ACCREDITATION COMMITTEE

Health Care Professions Act, 2003
(Cap. 464)

Applications to Enter the Specialist Register

The Specialist Accreditation Committee wishes to inform Medical Practitioners that entry to the Specialist Registers is now open. Medical Specialists are invited to submit their application by hand at the office of the Registrar up to Friday, 2nd April 2004 between 9.00 a.m. and noon and 2.00 p.m. and 4.00 p.m. at 181, Triq il-Melita, Valletta. Further information may be obtained from the Registrar of the Specialist Accreditation Committee on Tel. No. 21255538 or e-mail vincienne.attard@gov.mt.

The application form and other details are available on the website of the Department of Health, the website of the Medical Association of Malta and the Synapse website, or can be obtained from the Office of the Registrar.

Vincienne Attard
Registrar
Specialist Accreditation Committee

23rd March, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu (Terapija)
fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu (Terapija) għandu salarju ta' Lm4,798 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,710 (Skala Nru. 12). Il-persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) tiġi promossa fil-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) fi skala 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) li għandha xi *degree* rikonoxxuta fit-*Therapeutic Radiography* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree* skond liema data tiġi l-aħħar.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy)
in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Therapy) carries a salary of Lm4,798 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,710 (Scale No. 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Scale 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) on completion of five years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A

Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata titla' fi Skala Nru. 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) wara sentejn servizz bħala Radjografu (Terapija) gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalundwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jinkludu:-

a) tħaddim u żamma f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat mar-Radjoterapija u proċeduri ta' l-ippjanar;

b) assigurazzjoni u għotja ta' parir lill-pazjenti waqt it-trattament tagħhom;

ċ) sorveljanza tal-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir.

d) tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom jew:

(i) id-*Diploma* fir-Radjografija (Terapija) tal-*College of Radiographers, U.K.*

jew

(ii) il-BSc (Hons) fit-*Therapeutic Radiography* tal-*Kingston University (U.K.)* jew kwalifika ekwivalenti;

(ċ) ikunu reġistrati bħala Radjografi (Terapija) fuq ir-reġistru tal-Bord għall-Professjonijiet Supplementari għall-Mediċina.

graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary Scale 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. Appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Therapy) include:-

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) reassuring and advising patients during their treatment;

c) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment.

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation withn the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of either:-

(i) the Diploma in Radiographer (Therapy) from the College of Radiographers U.K.;

or

(ii) the BSc (Hons) in Therapeutic Radiography from Kingston University, U.K., or equivalent qualification;

(c) registered as Radiographer (Therapy) on the register of the Board for the Professions Supplementary to Medicine;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6.1. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5(b) ta' hawn fuq iżda jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafu 5(a) u (d) u jkollhom żewġ suġġetti f'livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar, flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju fi Grad Ċ tal-GCSE. Dawn is-suġġetti jridu jinkludu il-lingwa Ingliża, Matematika u Fiżika jew *Combined Science*.

6.2. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għal post jekk ma jinstabux biżżejjed applikanti li jikkwalifikaw taħt paragrafu 5.

6.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* msemmija f'paragrafu 5(b) hawn fuq u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' Radjografu (Terapija)wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' l-istudji tagħhom, u wara l-wasla tagħhom f'Malta.

6.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu l-kors ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att taż l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 5(b) above but satisfy the other conditions of paragraph 5 (a) and (d) and who possess two 'A' level passes at grade C or above, supported by five Grade C GCSE passess at 'O' level or equivalent. These must include English Language, Mathematics and Physics or Combined Science.

6.2. Applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5.

6.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of the BSc degree referred to at paragraph 5 (b) above and will only become eligible for appointment as Radiographer (Therapy) on the successful completion of their studies and on return to Malta.

6.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the applicatin forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 6 u ma jkunux impjegati tal-Gvern, jiġu ingaġġati bħala *Trainee Radiographers (Therapy)* u jitħallsu *allowance* ta' Lm2,802 fis-sena sakemm ikunu maħturin *Radiographers (Therapy).*

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tar-riżultat.

12. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' April, 2004.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21 242 884.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Marzu, 2004

8. Any applicants selected under paragraph 6 who are not public officers, will be engaged as trainee Radiographers (Therapy) and paid an allowance of Lm2,802 per annum until they are appointed Radiographers (Therapy).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

12. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

14. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th April, 2004.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 -21 242 884.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

23rd March, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant in Public Health Dentistry* fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti bi kwalifiki adattati għall-post ta' *Consultant in Public Health Dentistry in the Office of the Director General* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant* għandu salarju ta' Lm10,279.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li jkollha r-responsabbilità għolja li tkun kapaċi taħdem mingħajr supervizjoni fil-qasam tax-xogħol tagħha. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha mad-Direttur Ġenerali (Saħħa) fuq ħwejjeġ ta' *policy* u fuq il-proċeduri stabbiliti li għandhom jittieħdu.

5.2. Il-persuna nominata tkun trid tagħti parir lid-Direttur Ġenerali (Saħħa) fuq ħwejjeġ li jaffettwaw is-saħħa pubblika dentali. Id-dmirijiet jinkludu:

(i) responsabbiltà għas-sorveljanza ta' l-impjegati li jaqgħu taħtha;

(ii) iċċekkjar tas-saħħa orali f'Malta fuq bażi ta' epidemjoloġija inkluż l-iċċekkjar ta' *performance indicators* fil-kura dentali u miżuri li jirriżultaw;

(iii) tmexxija ta' *surveys* dwar is-saħħa dentali u interpretazzjoni ta' statistika ta' informazzjoni dentali;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant in Public Health Dentistry in the Office of the Director General in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified dental practitioners for the post of Consultant in Public Health Dentistry in the Office of the Director General in the Health Division.

2. The post of Consultant carries a salary of Lm10,279 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and The Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the service.

3.2. The appointment will be conditioned to a forty-hour week.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to carry a high level of responsibility being able to operate without supervision in the field. He/She would have to consult with Director General (Health) on matters of policy and on accepted procedures to be followed.

5.2. The appointee shall advise the Director General (Health) on matters affecting dental public health. The duties include:

(i) responsibility for the supervision of any staff under his/her charge;

(ii) monitoring of oral health of Malta on the basis of epidemiology including the monitoring of performance indicators in dental care and outcome measures;

(iii) conduction of dental health surveys and statistical interpretation of dental data;

(iv) preparazzjoni ta' stimi ta' nfiq u benefiċċji u rakkomandazzjonijiet xierqa li jgħinu lil min jagħmel il-*policies* biex ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa;

(v) għajnuna lid-Direttur Ġenerali (Saħħa) fl-istħarriġ ta' rapporti dwar ksur tal-liġijiet u regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(vi) responsabbiltà għall-programmi ta' *quality assurance* u verifika dentali tas-servizzi dentali;

(vii) parir dwar programmi ta' prevenzjoni fis-settur dentali;

(viii) ko-ordinazzjoni ta' attivitajiet dwar *dental health promotion,* flimkien ma' setturi oħra li mhux bilfors għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa;

(ix) għajnuna fit-tmexxija ta' *continuing education programme* għall-impjegati tas-saħħa dentali;

(x) sehem f'kumitati u *working parties* fid-dipartiment;

(xi) ko-ordinazzjoni fuq bażi nazzjonali, internazzjonali u fl-Unjoni Ewropea ma' għaqdiet statutorji u akkademiċi u organizzazzjonijiet oħra professjonali, inkluż dawk li jikkumplimentaw id-dentistrija, b'kollaborazzjoni maċ-*Chairman* tad-Dipartiment tad-Dentistrija;

(xii) kull attività oħra li tkun imqabbda tagħmel mid-Direttur Ġenerali (Saħħa);

(xiii) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Dentali f'Malta;

(iii) ikollhom kwalifika xierqa rikonoxxuta ta' wara l-gradwazzjoni (e.ż. *MSc Dental Public Health, MSc Public Health, MSc Health Services Management* jew ekwivalenti) u mill-anqas sitt snin prattika fil-Professjoni Dentali;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

(iv) preparation of cost-benefit analysis with clear recommendations to assist policy makers to make decisions;

(v) assistance to the Director General (Health) in the investigation of reports of breaches of relevant health laws and regulations;

(vi) responsibility for quality assurance programmes and dental audit of dental services;

(vii) advice on preventive programmes within the dental sector;

(viii) co-ordination of dental health promotion activities in conjunction with various sectors not necessarily related to dental health;

(ix) assistance in the running of continuing education programmes for dental health staff;

(x) participation in intra departmental working parties and committees;

(xi) liaision nationally, internationally and within the European Union with statutory and academic bodies and other professional organisations including those complementary to dentistry in collaboration with the Chairman, Department of Dentistry;

(xii) any other activity as assigned to him/her by the Director General (Health);

(xiii) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of a Licence to practise the Dental Profession in Malta;

(iii) in possession of a recognized appropriate postgraduate qualification (e.g. MSc Dental Public Health, MSc Public Health, MSc Health Services Management or equivalent) and at least six years practice in the Dental Profession;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond Sezzjoni 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

10. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adattata għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' April 2004.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General (Health), Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th April 2004.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbgħatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Marzu, 2004

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

23rd March, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għal-Liċenzi ta' *Wireman*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali Pubbliċi jgħarrfu illi għandu jsir eżami f'Lulju 2004 sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand l-Awtorità tar-Riżorsi Maltija għall-ħruġ ta' Liċenza 'A' u 'B'.

2. L-eżami jsir f'żewġ taqsimiet kif ġej:

Taqsima I tirreferi għal Liċenza A u Taqsima II tirreferi għal Liċenza B.

Taqsima I – Liċenza A – *General House Installation*

Karta I *Electrical Theory*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Max), 50 (Min)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Max), 50 (Min)

Taqsima II – Liċenza B – *Factory Wiring*

Karta I *Electrical Theory*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Max), 50 (Min)

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Wireman's Licences Examinations

The Acting Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that an examination will be held in July 2004 to enable successful candidates to apply to the Malta Resources Authority for the issue of Licences 'A' and 'B'.

2. The examination will be held in two sections as follows:

Section I refers to Licence 'A' and Section II refers to Licence 'B'.

Section I – Licence A – General House Installation

Paper I Electrical Theory
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Section II – Licence B – Factory Wiring

Paper I Electrical Theory
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Max), 50 (Min)

Il-kandidati li se jersqu għal Liċenza A jew Liċenza B iridu jiksbu *pass mark* fiż-żewġ karti. Huma jkunu mitluba wkoll joqogħdu għall-eżami Prattiku/Intervista. Biex jgħaddu mill-eżami l-kandidati jridu jiksbu wkoll *pass* fl-eżami Prattiku/Intervista.

3. Il-kandidati ma jitħallewx jersqu għal Taqsima II jekk ma jkollhomx Liċenza A.

4. L-applikanti li kkwalifikaw fil-karti bil-miktub iżda weħlu fl-eżami Prattiku/Intervista m'għandomx għalfejn joqogħdu għall-karti bil-miktub sakemm l-eżami Prattiku/Intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx is-sentejn mill-eżami bil-miktub.

5. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

6. Dawn l-applikazzjonijiet ikunu milqugħa fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u ċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, minn nhar it-Tnejn, it-12 ta' April, 2004, sa nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' April, 2003, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

7. Ma' l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu:–

(a) il-Karta ta' l-Identità tal-kandidat (Fotokopja għandha tiġi mehmuża);

(b) ċertifikati u dokumenti ta' esperjenza teknika fil-*Wiring* ta' l-elettriku li jista' jkollu l-applikant;

(ċ) il-ħlas tar-reġistrazzjoni ta' Lm4 preferibbilment b'ċekk indirizzat lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet.

8. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

9. Wieħed jista' jara kopja tas-sillabu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju. **L-applikanti għandhom jinnotaw li l-kalkoli kollha jingħataw f'S.I. *Units*.**

10. Il-kandidati li jgħaddu mill-eżami tinħarġilhom il-liċenza skond il-proċedura u l-kondizzjonijiet stipulati fl-*Electricity Supply Regulations 1993*.

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Candidates sitting either for Licence A or for Licence B must obtain a pass mark in both papers. They will also be required to sit for the Practical/Interviewing Test. Candidates must obtain a Pass in the Practical/Interviewing Test in order to be successful.

3. Candidates will not be allowed to sit for Section II unless they are in possession of Licence A.

4. Applicants who have qualified in the written papers but failed in the Practical/Interviewing Test do not need to resit for the written papers as long as the Practical/Interviewing test is taken within a period not exceeding 2 years from the Written Test.

5. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo or from the Department of Examinations website on www.exams.gov.mt, from the date of publication of this notice.

6. Applications will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo as from Monday, 12th April, 2004 to Friday, 16th April, 2004, from 8.00 a.m. to noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

7. Applications should be accompanied by:-

(a) a candidate's Identity Card (Photocopy to be attached);

(b) certificates and testimonials of technical experience in electrical wiring which are in possession of the applicant;

(c) a fee of Lm4 preferably by cheque payable to the Department of Examinations.

8. Late applications will not be considered.

9. A copy of the syllabus of the examination may be seen at the Department of Examinations, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours. **Applicants should note that all calculations will be given in S.I. Units.**

10. Licences to successful candidates will be issued in accordance with the procedures and requirements stipulated in the Electricity Supply Regulations 1993.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubblici Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiġu ggwidati l-kandidati.

12. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubblici Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar karta waħda biss jew stadju partikulari ta' l-eżami.

It-23 ta' Marzu, 2004

11. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

12. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one paper or a particular stage of the examination.

23rd March, 2004

THE EUROPEAN AVIATION SAFETY AGENCY OF THE EUROPEAN UNION

Vacancy Notices

The European Aviation Safety Agency (EASA) is seeking applications for the following positions:

EASA/A/2004/012	Project Certification Manager/Design Surveyor (Career Bracket A4/A5) - Closing date 07/04/2004
EASA/A/2004/014	Certification Manager Parts and Appliances (Career Bracket A4/A5) - Closing date 07/04/2004
EASA/A/2004/034	Software Development Manager (Career Bracket A6/A7) - Closing date 07/04/2004
EASA/A/2004/035	Adviser Planning and Management Development (Career Bracket A6/A7) - Closing date 31/03/2004
EASA/A/2004/036	Head of ICT and Technical Services (Career Bracket A4/A5) - Closing date 07/04/2004
EASA/A/2004/027	Quality and Standardisation Director (Grade A 2) - Closing date 13/04/2004

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the EASA website www.easa.eu.int section "recruitment".

The successful candidates will be offered a Temporary Agent contract for a 5-year period, which may be renewed.

The deadline for applications is 7th April 2004 with the exception of vacancies, reference EASA/A/2004/035 and EASA/A/2004/027, which close on 31st March 2004 and 13th April 2004 respectively. Applications must be sent by registered post, the postmark serving as proof of the date of dispatch.

Department of Policy and Planning
Management and Personnel Office
Office of the Prime Minister
Valletta

23rd March 2004

THE EUROPEAN MONITORING CENTRE FOR DRUGS AND DRUG ADDICTION
OF THE EUROPEAN UNION

Vacancy Notice

The European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction (EMCDDA) has issued a call for applications for the post of Director of the EMCCDA.

The Director will be recruited on a temporary staff contract in accordance with Article 2(a) of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. The appointment will be at Grade A2 for a renewable term of five years.

The new Director is expected to take up duty at the beginning of 2005.

Applicants are to send a letter of application, a completed application form and a CV by registered post to the address below, postmarked not later than 7th April 2004. Applications sent by courier service must reach the same address by 17.00 on 7th April 2004.

European Commission
Directorate-General for Justice and Home Affairs
Drugs Coordination Unit
Office LX 46 0/47
B-1049 Brussels.

All the information concerning this vacancy notice such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the EMCDDA website http://www.emcdda.eu.int/ under "EMCDDA News", and on the European Personnel Selection Office (EPSO) website http://europa.eu.int/epso/index_en.htm under the "Non permanent posts" section. It is also published in the Official Journal of the European Union No. C56 A Volume 47 dated 4th March 2004.

Department of Policy and Planning
Management and Personnel Office
Office of the Prime Minister
Valletta

23rd March, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja Mejju 2004

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi l-orarji personali ta' l-Eżamijiet għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja Mejju 2004 intbagħtu lill-kandidati.

Dawk il-kandidati li għadhom ma rċevewx l-orarji tagħhom għandhom jiġbru kopja mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, minnufih.

It-23 ta' Marzu, 2004

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Secondary Education Certificate Examination May 2004

The Acting Director of Examinations notifies that the personal timetables for the Secondary Education Certificate Examinations May 2004 have been posted to the candidates.

Those candidates who still did not receive their timetables have to collect a copy from the Examinations Department, Floriana, immediately.

23rd March, 2004

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Premju Letterarju u Sussidji: Kotba 2002 u 2003

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jgħarraf li, permezz ta' premjijiet u sussidji, se jingħata għarfien lill-awturi ta' l-aħjar xogħlijiet letterarji u ta' xejra oħra bil-Malti (ħlief kategorija (viii) li ġew ippubblikati għall-ewwel darba fi ktieb matul is-snin 2002 u 2003.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iżomm id-dritt li ma jagħtix il-premju jew is-sussidju jekk il-membri tal-Kunsill jidhrilhom li xi xogħol ma jilħaqx il-livell mixtieq.

Kull deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hija finali.

Se jingħata premju ta' Lm600, trofew u ċertifikat lill-ewwel klassifikat u Lm250 u ċertifikat lit-tieni klassifikat għal kull waħda minn dawn it-tmien kategoriji:

(i) Proża Letterarja (rumanzi u stejjer qosra);

(ii) Proża mhux fittizja;

(iii) Poeżija;

(iv) Drama;

(v) Letteratura għat-tfal;

(vi) Xogħlijiet ta' natura akkademika/xjentifika/teknika;

(vii) Traduzzjonijiet;

(viii) Ktieb fuq materji minn (i) sa (vii) miktub minn awtur Malti b'lingwa oħra.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li jibdel il-kategorija jekk ix-xogħol jiddaħħal f'waħda żbaljata u f'dan il-każ il-parteċipant jiġi infurmat.

Se jingħata wkoll ċertifikat lill-pubblikatur ta' kull ktieb ikklassifikat fl-ewwel u t-tieni post f'kull kategorija.

Trofew u ċertifikat ta' mertu jingħataw ukoll (a) lid-dar ta' pubblikazzjoni għall-isbaħ preżentazzjoni ta' ktieb bil-Malti u pubblikazzjoni oħra f'lingwa barranija għas-snin 2002 u 2003; (b) lill-illustratur ta' ktieb fost dawk sottomessi f'kategorija (v).

Is-sussidju se jingħata biss lill-awturi li jkunu ffinanzjaw il-pubblikazzjoni tagħhom huma stess. Ebda awtur ma jista' jieħu premju u sussidju għall-istess ktieb.

THE NATIONAL BOOK COUNCIL

Literary Prizes and Subsidies: Books 2002 and 2003

The National Book Council notifies that to give due recognition to Maltese authors, awards and subsidies are to be accorded to those authors of outstanding literary works and other genres in Maltese (except in category viii) first published in book form during the years 2002 and 2003.

The National Book Council reserves the right to withhold any prize or subsidy if it is of the opinion that the work/s fail to reach the required standard.

Every decision taken by the National Book Council is final and binding.

A prize of Lm600, a trophy and a certificate will be awarded to the first classified and a prize of Lm250 and a certificate to the second classified in each of the following eight categories:

(i) Fiction (novels and short stories);

(ii) Prose non-fiction;

(iii) Poetry;

(iv) Drama;

(v) Juvenile literature;

(vi) Work of academic/scientific/technical nature;

(vii) Translations;

(viii) A book on a subject from categiories (i) to (vii) written by a Maltese author in another language.

The National Book Council reserves the right to change the category if the work is entered under the wrong category and if so the participant will be informed accordingly.

A certificate will also be awarded to the publisher of a book classified in the first and second place in each category

A trophy and a certificate of merit will also be awarded to: (a) the publishing house responsible for the best book format of a publication in Maltese, and for a publication in any other language for the years 2002 and 2003; (b) to the illustrator of a book amongst those submitted under category (v).

A subsidy will only be given to those authors who finance their own publications. No author shall be entitled to receive a prize and a subsidy for the same book.

Kull awtur li jieħu sehem jirċievi ċertifikat, jew ta' rebħ, jew ta' mertu jew ta' parteċipazzjoni. Il-kelma 'awtur' tkopri l-editur f'każ ta' xogħol kollettiv.

Kull parteċipant irid jissottometti applikazzjoni għal kull ktieb fuq il-formola preskritta li tinġabar mingħand is-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb c/o Librerija Pubblika Ċentrali, il-Furjana, Tel. 21 222654, e-mail: joe.debattista@ gov.mt u tintbagħtlu bil-posta

Jista' jressaq ix-xogħol tiegħu l-awtur jew il-pubblikatur bil-kunsens ta' l-awtur jew ta' min għandu d-dritt ta' l-awtur.

Il-parteċipanti għandhom jibagħtu erba' kopji tal-ktieb lil:-

Is-Segretarju
Premju Letterarju u Sussidji 2002 u 2003
Att. Is-Sur Joseph Debattista
Librerija Pubblika Ċentrali
Il-Furjana

L-erba' kopji (li ma jintraddux lura) għandhom jaslu sa għand is-Segretarju, Librerija Pubblika Ċentrali mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-30 ta' April 2004.

It-23 ta' Marzu, 2004

Every participating author shall receive a winning, or merit or participation certificate. The word 'author' shall refer to the editor in case of a collective work.

Every participant shall submit an application for every book entered for the competition on a prescribed form that could be collected from the Secretary, National Book Council c/o Central Public Library, Floriana, Tel. 21 222654, e-mail: joe.debattista@gov.mt and receive the form through the post.

Entries for the competition may be submitted by the author himself or the publisher with the author's consent or that person who has the author's publishing rights.

Participants are to deliver four copies of the book to:

The Secretary
Year 2002 and 2003 Literary Prize and Subsidies
Attn. Mr Joseph Debattista
The Central Public Library
Floriana

The four copies submitted (which are not returnable) should reach the Secretary at the Central Public Library by not later than noon of Friday, 30th April, 2004.

23rd March, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Il-Kap ta' l-Iskola Dun Ġorġ Preca Primarja 'B', Triq Ġużè Pace, il-Ħamrun, tgħarraf lill-ħwienet tal-Ħamrun u ta' madwar, li jekk huma interessati li jbiegħu l-uniformi ta' din l-iskola, jistgħu jieħdu aktar informazzjoni mill-istess skola fuq in-Numru tat-Telefon 21 238 235 bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

It-23 ta' Marzu, 2004

EDUCATION DIVISION

The Head of School of Dun Ġorġ Preca Primary 'B', Triq Ġużè Pace, Ħamrun, notifies shops in Ħamrun and the surrounding areas which are interested to sell this school's uniform, that further information can be obtained from the same school on Telephone Number: 21 238 235 between 9.00 a.m. and 2.00 p.m. from Monday to Friday.

23rd March, 2004

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

